Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Numru 326/2008

Il-Pulizija
(Spettur Nikolai Sant)

Vs.

Neville Cassar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat, detentur tal-karta tal-identità numru 47779(M) li huwa akkuzat talli:

1. fl-20 ta’ Frar, 2008 ghall-habta ta’ 4:24p.m. minn gewwa ‘Bediam Gioielleria’, Triq Nutar Zarb, H’Attard ikkommetta serq ta’ curkett tad-deheb abjad, ta’ tip Trilogy, bi tlett djamanti ta’ daqs 0.35 Carat, li l-valur tieghu huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin

centezmu (2,329.37) ghad-detriment ta’ Josef Gatt minn Birkirkara liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur.

Il-Qorti hija mitluba titratta ma’ Neville Cassar li huwa rrenda ruhu ricediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.D, fejn kien instab hati ta’ serq aggravat bejn Gunju 2004 u Novembru 2004 liema sentenza saret definittiva.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b’serq ta’ curkett li mill-atti irrizulta li jiswa’ 815 euro.

Quddiem din il-Qorti l-imputat ammetta li wettaq dan is-serq u l-ammissjoni tieghu hija wahda volontarja u inkondizjonata. Jirrizulta wkoll li huwa recidiv.

Semghet l-ufficcjali tal-probation u l-imputat li kkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitu ai termini tal-verbal tal-lum stess.

Ikkunsidrat dwar il-piena li stante l-imsemmija zviluppi posittivi l-imputat jisthoqlu jinghata l-ahhar opportunita’ biex ikompli fit-triq tar-riforma.

Wara li rat l-Artikolu 261(c), 279(a) tiddeciedi li tapplika kontra l-imputat l-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’ tlett snin mil-lum billi tpoggih taht il-harsien ta’ ufficcjal tal-probation u tordnalu jhallas lid-derubat 815 euro bl-imghax relattiv mill-20 ta’ Frar 2008 zmien mhux aktar tard minn sena u nofs mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tiegħu skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------